



KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**RAPPORT
ANNWALI | 2015**

Sommarju Eżekuttiv



Aktar dettalji dwar il-KEPD jinstabu fuq il-websajt tagħna: <http://www.edps.europa.eu>

Il-websajt jinkludi faċilità ta' **abbonament għall-bullettin** tagħna.

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitkolha ħlas).


Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgo: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

Print	ISBN 978-92-9242-168-7	doi:10.2804/61224	QT-AB-16-001-MT-C	
PDF	ISBN 978-92-9242-106-9	ISSN 1831-0567	doi:10.2804/710106	QT-AB-16-001-MT-N

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemmu s-sors oriġinali.



RAPPORT ANNWALI | 2015

S o m m a r j u E ż e k u t t i v

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Introduzzjoni

L-2015 se tibqa' mfakkra bħala s-sena li fiha l-UE ħatfet opportunità storika. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) huwa wieħed mill-ikbar kisbiet tal-UE fis-snin riċenti. Dan huwa sett ta' regoli dwar il-protezzjoni tad-data għall-era diġitali, ftehim ambizzjuż u progressiv li l-UE għandha tkun kburija bih.

Iż-żieda esponenzjali fl-ammont ta' data personali li qed tiġi ġġenerata, analizzata u monetizzata b'intervent jew għarfien minimu tal-bniedem poġġiet piżżejjiet kbar fuq il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Għalhekk huwa essenzjali li jiġu aġġornati u rinfurzati l-pedamenti u l-istruttura tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data.

Fl-Istrateġja 2015--2019 tagħna, enfasizzajna l-intenzjoni tagħna li niftu kapitolu ġdid dwar il-protezzjoni tad-data, permezz tal-adozzjoni u l-implementazzjoni ta' regoli aġġornati dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-ewwel sena tal-mandat tagħna konna involuti bis-shiħi fl-inkoraġġiment u fil-konsulenza lill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, permezz tal-ġħoti ta' rakkmandazzjonijiet artiklu b'artiklu fuq it-testi tal-GDPR. Għamilna dan permezz ta' applikazzjoni — eżerċizzju bla preċedent fit-trasparenza diġitali, użat min-negożjaturi bħala gwida ta' referenza.

Madankollu, ftehim dwar il-GDPR huwa biss l-ewwel pass fil-proċess ta' modernizzazzjoni. L-attenzjoni tagħna issa se ddur lejn l-implementazzjoni tiegħu. Dan għandu jinvolvi l-iż-ġurar tar-responsabbiltà tal-kontrolluri, il-kooperazzjoni miżjudha ma' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (DPAs) indipendenti u l-ġħoti tas-setgħa lill-attivitajiet tagħħom permezz tal-istabbiliment tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u r-rispons effettiv għas-sentenza Schrems permezz tal-implementazzjoni ta' regoli sostenibbli dwar it-trasferimenti tad-data. Il-prinċipji tal-GDPR jeħtieġ li jiġu integrati bis-shiħi f'qafas modernizzat għall-privatezza tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kollha, bir-rieżami tad-Direttiva 2002/58/KE.

Ħadna wkoll passi biex nikkonfrontaw b'mod attiv l-isfidi tal-bidla teknoloġika, permezz tat-tnejda ta' Grupp Konsultattiv dwar l-Etika. Il-Grupp se jikkunsidra r-ramifikazzjonijiet ta' teknoloġiji xprunati mid-data għad-dinjità u l-libertà tal-bniedem. Il-ħidma tiegħu se ssir fil-pubbliku u se tiġi diskussa f'forum internazzjonali fl-2017. Ninsabu fiduċjużi li dan il-proġett sejjjer ikollu impatt fit-tul u pożittiv.

Fl-2015, investejna enerġija ġidda fil-kompli ewlenin tagħna bħala kontrollur. L-Istħarriġ tal-2015 dwar l-uffiċċiali għall-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE juri li bħalissa huma mgħammra iktar minn qatt qabel biex jagħtu l-eżempju fl-ipproċessar responsabbi tad-data personali.

Finalment, nixtiequ nesprimu l-gratitudni tagħna lill-membri tal-persunal tagħna. Din l-ewwel sena tal-mandat tagħna kien fiha bosta sfidi, u nixtiequ nroddu ħajr għall-enerġija, il-kreattività u l-impenn tal-kolleġi tagħna, li permezz tagħħom din is-sena kienet tant ta' succcess. Bi-appoġġ tagħħom, il-KEPD se jibqa' xprunatur kuraġġjuż u bla kantunieri tal-valuri tal-UE b'viżjoni globali għall-ipproċessar sostenibbli tad-data. Dan jinkludi t-tisħiħi tal-kooperazzjoni mar-regolaturi tal-privatezza u mal-imsieħba globali, iż-żda wkoll il-bini ta' sħubijiet ġodda hekk kif inkomplu niżguraw li l-UE tmexxi bl-eżempju fid-djalgu globali dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza fl-era diġitali.

Giovanni Buttarelli
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wojciech Wiewiórowski
Assistent Kontrollur

2015 — Ħarsa Ġenerali

II-Protezzjoni tad-Data u I-KEPD fl-2015



@EU_EDPS

#EDPS strategy envisions EU as a whole not any single institution, becoming a beacon and leader in debates that are inspiring at global level

F'Marzu 2015 nedejna [I-Istrateġja 2015–2019](#) tagħna, *Immexxu bl-Eżempju*. L-għan tagħna huwa li nieħdu l-opportunità storika li niżviluppaw protezzjoni tad-deaa matul il-perjodu tal-mandat ġdid tagħna. L-istateġja tistabbilixxi l-objettivi tagħna għall-ħames snin li ġejjin u l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu. L-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) indikati f'dan ir-rapport ġew żviluppati biex jiġi żgurat li aħna nkunu kompletament responsabbi u trasparenti dwar il-mod kif nilħqu l-objettivi tagħna.

L-ewwel u qabel kollex indikajna l-impenn tagħna sabiex nifθu kapitolu ġdid għall-protezzjoni tad-data Ewropea permezz tal-appoġġ għan-neozjar u l-adozzjoni ta' regoli innovattivi u orientati għall-futur dwar il-protezzjoni tad-data. Ipprovdejna lil-leġiżlaturi tal-UE b'rakkomandazzjonijiet dettaljati dwar ir-riforma proposta fil-protezzjoni tad-data u għamlinihom disponibbli b'mod wiesa' f'app għall-mobajl favur l-utent, li ppermettiet lill-utenti jqabblu flimkien it-testi proposti mill-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tal-KEPD. Din kienet tirrikjedi sforz enormi iżda għamlet il-proċess leġiżlattiv aktar trasparenti għall-pubbliku u għal-leġiżlaturi nfushom. Hija żgurat li t-tliet korpi leġiżlatti u l-awtorità tagħħom għall-protezzjoni tad-data jinżammu responsabbi għall-kontributi tagħħom lejn il-proċess. F'Diċembru 2015, intlaħaq ftehim finali dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Din ir-riforma ferm sinifikanti timmarka, mingħajr dubju, waħda mill-ikbar kisbiet tal-UE fis-snin riċenti.

It-tieni nett, enfasizzajna r-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE nfusħom fl-istabbiliment tal-istandard u tat-tmexxija bl-eżempju fl-implementazzjoni tar-riforma. Matul I-2015 ħidhma mill-qrib mal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Data (DPOs), wettaqna spezzjonijiet iddettaljati u pprovdejna lill-istituzzjonijiet tal-UE b'appyoġġ u konsulenza, b'mod partikolari fil-forma ta' Linji Gwida dwar [il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u l-apparat mobbli](#). Bħala l-awtorità ta' protezzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, se nkomplu nappoġġjawhom fil-preparazzjoni għat-tibdil li ġej matul I-2016.

Fil-livell internazzjonali, il-KEPD kien fuq quddiem kemm tad-dibattitu tal-UE kif ukoll f'dak globali dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data matul I-2015. Bħalissa hemm 109 pajjiżi li għandhom liġiġiet dwar il-protezzjoni tad-data fis-seħħi, u ħafna minnha īħarsu lejn I-UE bħala eżempju. Bħala ambaxxatur tal-UE għall-protezzjoni tad-data, fl-2015, il-KEPD żär kif ukoll laqa' żjarat mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data mid-dinja kollha. Żidna l-kontribut tagħna fil-livell internazzjonali permezz tal-parteċipazzjoni kontinwa tagħna fil-fora internazzjonali u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll permezz ta' inizjattivi totalment ġodda, bħall-preparazzjoni għall-Grupp Konsultativ dwar [l-Etika](#).

Hekk kif it-teknoloġija qiegħda tkompli tiżviluppa u tittrasforma ħajnejha huwa essenzjali li l-protezzjoni tad-data *ssir diġitali*. Għandna nippromwovu soluzzjonijiet teknoloġiċi li jappoġġjaw l-innovazzjoni u jtejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari billi jżidu t-trasparenza, il-kontroll tal-utenti u r-responsabbiltà fl-ipproċċessar ta' big data. Il-ħidma tagħna fl-2015 poġġiet lill-KEPD fċ-ċentru ta' dawn id-diskussionijiet. L-Opinjonijiet tagħna dwar [big data](#), is-saħħha mobbli (mHealth), u s-sorveljanza intrużiva kollha talbu azzjonijiet spċifici biex jiżdiedu għall-massimu l-benefiċċċi tat-teknoloġija ġidha mingħajr ma jiġi kompromessi d-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

Il-mandat u l-istateġja tagħna huma mfassla biex jiġi indirizzat il-perjodu attwali ta' bidla bla preċedent u importanza politika għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza, kemm fl-UE kif ukoll globalment, u l-KEPD għandu l-ħsieb jiġura li l-UE tibqa' minn ta' quddiem fid-dibattitu. L-istateġja tagħna li mmexxu bl-eżempju sejra tiġi segwita ulterjorment fl-2016, hekk

kif se nippuvaw nibnu fuq il-kisbiet tal-2015 u niżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tal-protezzjoni tad-data li qed niffaċċjaw.

Rimedji għall-protezzjoni tad-data

Wara erba' snin ta' negozjar intens u ta' dibattit pubbliku, f'Diċembru 2015 intlaħaq ftehim politiku dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Il-KEPD kien attiv bħala konsulent matul dan il-proċess, ukoll billi [Itaq'a mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'Mejju](#).



@EU_EDPS

Our experience as a supervisor gives us knowledge and credibility to advise on the reform of #EUdataP
[@Buttarelli_G](#) #EDPS

Il-messaġġ finali tagħna lil-leġiżlaturi kien f'Lulju, meta pprovdejnihom bl-ewwel sett ta' rakkmandazzjonijiet komprensivi, artiklu b'artiklu, għat-titjib tas-salvagwardji, it-naqqis tal-burokrazija u l-iżgurar tar-rilevanza tar-riforma matul il-ġenerazzjoni li ġejja tal-bidla teknoloġika. Nedejna din [I-Opinjoni](#) fil-forma ta' applikazzjoni mobbli li tista' titniżżeż b'xejn, u li ppermettiet lill-utenti jqabblu l-proposta tal-Kummissjoni, it-testi tal-Parlament u tal-Kunsill għan-negozjar u r-rakkmandazzjonijiet tal-KEPD, kollha fuq l-istess skrin.

F'Ottubru, żidna [r-rakkmandazzjonijiet dettaljati](#) tagħna dwar id-Direttiva proposta għas-setturi tal-pulizija u l-ġustizzja ma' din l-app, li jħeġġu lil-leġiżlaturi jkunu konsistenti fl-istandardi meħtieġa mill-kontrolluri kollha, b'devjazzjonijiet limitati biss biex jiġu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi speċjali tal-ipproċessar tad-data dwar l-infurzar tal-liġi.

L-attenzjoni tagħna fl-2016 se ddur lejn il-konsulenza lil-leġiżlaturi dwar it-tlestija tar-riforma, l-ewwel nett permezz tal-implementazzjoni effettiva u l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, permezz tar-riforma tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, u t-tieni, lejn il-kunfidenzjalitā tal-komunikazzjonijiet kollha, birriforma tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika.

Immexxu bl-eżempju

F'Settembru tħabna etika diġitali ġidida; waħda li tpoġġi lid-dinjità tal-bniedem fiċ-ċentru tal-iżvilupp personali u teknoloġiku xprunat mid-dejta. Din [I-Opinjoni](#) pprovdiet il-bażi għad-diskussionijiet tagħna mal-kumpaniji, ir-regolaturi u l-akademiċi fl-Istat Uniti (f'San Francisco u Silicon Valley) fl-istess xahar, u fil-Konferenza Internazzjonali ta' Amsterdam f'Ottubru. Ħabbret ukoll l-intenzjoni tagħna li jiġi stabbilit Grupp Konsultattiv dwar l-Etika, li għandu jinħatar f'Jannar 2016, li għandu jistudja l-implikazzjonijiet fuq perjodu itwal tal-big data, l-internet tal-oġġetti u l-intelliġenza artifiċjali.

Barra minn hekk, fl-2015 nedejna proġett biex jiġi żviluppat qafas għal aktar responsabbiltà fl-ipproċessar tad-data. Dan ġie applikat l-ewwel nett għall-KEPD bħala istituzzjoni, ġestur tal-persuni u r-riżorsi finanzjarji u kontrolluri, li jinforma l-iżvilupp tagħna tar-regoli interni, kif ukoll gwida fl-istituzzjonijiet kollha dwar l-iżvelar u l-kodiċi ta' kondotta għall-Kontrolluri.

Matul l-2015, organizzajna wkoll żewġ laqgħat mal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Data (DPOs) fejn iddiskutejna suġġetti bħar-responsabbiltà, is-sikurezza fl-IT u l-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-data. Involvejna wkoll l-id-DPOs fil-preparazzjoni tal-kontribut tagħna għar-riforma tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Matul is-sena ħriġna 70 Opinjoni dwar notifikasi tal-ipproċessar ta' operazzjonijiet, ħafna dwar ir-reklutaġġ u l-valutazzjoni tal-persunal, u ttrattatajna 143 ilment, 30 % aktar mill-2014. Żonna ħames aġenzi tal-UE, kif ukoll wettaqna stħarriġ ta' konformità ta' kull sentejn, u r-riżultati tiegħu sejrin jiġu ppubblikati f'Jannar 2016.



@EU_EDPS

DPO meeting today [@Buttarelli_G](#)
[@W_Wiewiorowski](#) supporting EU bodies towards better accountability when processing personal information

II-protezzjoni tad-data fuq il-post

Fl-2015, għamilna ħames spezzjonijiet importanti. Dawn kienu jinkludu spezzjoni tal-attivitajiet ta' reklutaġġ fid-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani (DG HR) tal-Kummissjoni Ewropea, u spezzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), dwar it-trattament tiegħi ta' data sensittiva f'investigazzjoni dwar frodi u proċeduri kontra l-intimidazzjoni. Ħriġna wkoll żewġ Opinjonijiet dwar l-ipproċessar tad-data bħala parti mill-kontrolli tad-diliġenza dovuta għall-ġliedha kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fil-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI).

Permezz tat-twettiq ta' spezzjonijiet u rispons għall-konsultazzjonijiet u n-notifikasi, niżguraw ukoll li s-sistemi tal-IT tal-UE fuq skala kbira — Eurodac (għall-ipproċessar tar-rikjesti ta' ażil), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (SID) u s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) — jikkonformaw mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Fl-2015, spezzjonajna s-SIS u l-VIS. Ħriġna wkoll Opinjoni dwar il-pjanijiet mill-Aġenzija tal-UE għall-Ġestjoni Operazzjonali ta' sistemi fuq skala kbira tal-IT fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (eu-LISA) sabiex jiġi kkunsidrat l-użu ta' tagħmir Multi-Spectrum Imaging biex jiġu skennjati l-marki tas-swaba' bħala parti mill-proċedura tal-ażil u l-ħżin ta' din id-data f'bażi tad-data miżmuma mill-aġenzija. Fl-2016 sejrin inħeġġu lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jikkonsolidaw il-pjattaformi eżistenti għas-settur tal-infurzar tal-lijgi fl-interess ta' arranġamenti superviżorji aktar koerenti u effettivi.

Fl-2015 ittrattajna ħames talbiet skont ir-Regolament tal-2001 dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti. Żewġ deċiżjonijiet importanti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fl-2015 għenu wkoll sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn it-trasparenza u l-protezzjoni tad-data. F'*Dennekamp vs. il-Parlament Ewropew*, il-Qorti ddeċidiet li l-kxif ta' kunflitti ta' interess kienet ġustifikazzjoni suffiċċenti biex jingħata aċċess għall-informazzjoni dwar il-MPEs affiljati ma' skema tal-pensjonijiet li m'għadhiex attiva. F'*ClientEarth and Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) vs Awtorità Ewropea dwar is-sigurtà fl-Ikel (EFSA)*, il-Qorti ddeċidiet li t-trasparenza dwar l-identità tal-esperti esterni involuti f'dokument ta' gwida tal-EFSA kienet meħtieġa biex tintwera l-imparzjalitā u tiġi żgurata r-responsabbiltà. Il-KEPD intervjeta fiż-żewġ każiżjet.

Fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Diċembru, il-Qorti segwiet ukoll ir-raġunament legali tagħna dwar il-kwistjoni tal-informazzjoni li għandha tingħata lili petizzjonant meta

dan ikun qed jitlob il-kunsens għall-pubblikazzjoni tad-data personali tiegħi, li tinkludi data sensittiva dwar is-saħħha.

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-UE

Komplejna nkunu membru attiv tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29), fejn iffukajna l-isforzi tagħna fejn stajna nagħtu l-iktar valur miżjud. Dan inkluda hħidma dwar il-lijgi applikabbli, dwar il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Protezzjoni tad-Data propost tal-Kummissjoni għall-Fornituri tas-Servizzi Cloud u laqgħat mal-Kumitat ta-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa. Fil-Konferenza tar-Rebbiegħa annwali ħeġġiġna lill-awtoritajiet imsieħha tagħna jitkellmu b'vuċi awtoritattiva biex jiġu ppreżentati soluzzjonijiet kredibbli għall-isfidi diġitali globali.

F'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29), għal raġunijiet baġitarji bdejna analiżi preliminari tal-arranġamenti loġistiċi sabiex nippordu Segretarjat għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), li għandu jidħol fis-seħħi permezz tar-riforma l-ġdidha tal-protezzjoni tad-data. F'rabta mill-qrib mal-WP29 stabbilixxejna task force interna li se tiffaċilita t-tranżizzjoni, sabiex is-Segretarjat u l-Bord iku operattivi bis-sħieħ sa mill-ewwel jum. Qed nikkontribwixxu wkoll għal task force preparatorja oħra, stabbilita mal-kolleġi nazzjonali fl-aħħar laqgħa plenarja tal-WP29 tal-2015.

Bl-istess mod, konna qed nippreparaw għall-espansjoni tar-rwol ta' superviżjoni kkoordinat tagħna, li aktarx jinkludi fih l-Europol, Smart Borders, l-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekuratur Pubbliku Ewropew.

Separatament mir-responsabbiltajiet ta' superviżjoni tagħna, komplejna nservu ta' segretarjat għall-gruppi ta' koordinazzjoni superviżorji għal CIS, EURODAC, VIS, SIS II u l-IMI. Għandna l-għan li nappoġġjaw it-tnejda ta' sit web ġdid bħala riżors għal dawn il-gruppi fl-2016.

L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' politika

Id-dibattitu vigoruż dwar il-big data kompla wara l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tagħna dwar is-suġġett. Minbarra bosta involvimenti ta' diskussjoni, f'Settembru 2015 ospitajna Competition Rebooted f'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Лиги Ewropea, sessjoni ta' hħidma bl-ġhan li jinkiseb fehim aktar profond f'dan il-qasam. Ħabbarna li t-tieni Opinjoni dwar il-kompetizzjoni sejra

tiġi ppubblikata fl-2016 u, matul is-sena li ġejja, għandna l-ħsieb li nħeġġu djalogu madwar l-Ewropa kollha fost ir-regolaturi, l-akademiċi, l-industrija, il-komunità tal-IT u l-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur dwar il-big data, l-internet tal-oġġetti u d-drittijiet fundamentali fis-settur pubbliku u dak privat.



@EU_EDPS

#EDPS supports EU legislator on #security but recommends re-thinking on #EUPNR

Tajna konsulenza wkoll lill-istituzzjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni ġdida, bħad-Direttiva proposta tal-UE dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri. Din id-Direttiva potenżjalment tippermetti l-ġbir tad-data personali mill-passiġġieri kollha tal-ajru fl-UE. F'Settembru 2015 ħriġna **Opinjoni** dwar il-PNR, fejn enfasizzajna n-nuqqas ta' provi biex tiġi ġġustifikata mżura daqshekk radikali.

Segwejna mill-qrib l-iżviluppi dwar is-Sħubija TransAtlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Il-KEPD Giovanni Buttarelli għamel ukoll diskors quddiem il-Parlament Ewropew fejn talab lill-UE tiżgura li t-TTIP, kif ukoll kwalunkwe ftehim ġdid, jirrispettaw bis-sħieħ l-standards tal-protezzjoni tad-data tagħna.

Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE fid-dawl tal-flussi ta' migrazzjoni bla preċedent kien tista' tgħid l-akbar kwistjoni ta' tħassib politiku għall-UE fl-2015. Il-ġestjoni tal-fruntiera tinvolvi l-iproċessar tal-informazzjoni personali ta' miljuni ta' individwi.

Matul l-2015 tajna parir lill-Frontex, l-aġenzija tal-fruntiera tal-UE, dwar il-proġett *PeDRA*, li għandu l-għan jippermetti lill-aġenzija taġixxi bħala ċentru għall-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri dwar traffikanti jew kunrabbandisti ssuspettati. Konna involuti f'bosta stadiji fl-iżvilupp ta' dan il-proġett u ħriġna **Opinjoni** ta' verifika minn qabel f'Lulju, sabiex tiġi żgurata l-kwalitat u s-sigurtà tad-data u jiġi evitat it-tfassil talprofil diskriminatoryu.

Il-KEPD ġadem ukoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) dwar l-anonimizzazzjoni tar-rapporti kliniċi għall-iskop ta' pubblikazzjoni. Fl-ewwel **Opinjoni** politika tagħna dwar il-mandat il-ġdid ittrattajna l-opportunitajiet u r-riskji tal-applikazzjoni jiet u s-servizzi tas-saħħha mobbli, u tajna rakkmandazzjoni jiet dwar kif tinbena l-fiduċja permezz tat-trasparenza, il-kontroll tal-utenti u s-salvagwardji għall-protezzjoni tad-data.

Fl-**Opinjoni** tagħna ta' Lulju dwar il-ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni fiskali, kellna l-għan li nistabbilixxu princiċċi f'qasam tal-proliferazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali fil-kampanja tal-OECD kontra s-segretezza bankarja fil-kwistjoni jiet fiskali. Tajna parir ukoll lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar ir-riforma tas-suq tat-titoli, il-prevenzjoni tal-abbużż tas-suq u l-ġbir ta' informazzjoni dettaljata dwar il-kreditu.

Fl-2016 sejrin inkomplu niżviluppaw manwal komprensiv li sejjer jippermetti lill-korpi tal-UE jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-protezzjoni tad-data, skont fejn tkun l-akbar il-ħtieġa.

Teknoloġija



@EU_EDPS

Need to find new ways for applying data protection principles to the latest technologies #bigdata #IoT #cloudcomputing #eudatap

Peress li s-sigurtà tad-data hija tħassib dejjem jikber għall-organizzazzjonijiet kollha, fl-2015 ħriġna Linji Gwida dwar l-użu ta' **Komunikazzjoni elettroniċi u apparat mobbli fuq il-post tax-xogħol. Ħdimna wkoll mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Ufficiali tal-Protezzjoni tad-Data (DPOs) tagħhom biex tiġi żgurata l-implementazzjoni tal-miżuri tas-sigurtà effettivi, bħall-kriptaqgħ, u pparteċipajna fi proġett interistituzzjonali għall-kriptaqgħ tal-posta elettronika. Linji gwida dwar is-servizzi web, apps mobbli u cloud computing sejrin jiġu konklużi fl-2016, ikkumplementati minn linji gwida dwar oqsma speċifiċi bħar-responsabbiltà fil-ġestjoni tal-IT u l-ġestjoni tar-riskju.**

Permezz tal-Bullettini u l-Opinjonijiet dwar il-big data u s-saħħha mobbli komplejna nimmonitorjaw u nirrapportaw dwar l-implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-data ta' teknoloġiji ġodda. Sadanittant, in-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN) kompla jikber, u ffoka l-ħidma tiegħu fuq inizjattivi ta' standardizzazzjoni dwar il-privatezza, l-intraċċar onlajn u l-inġenerija tal-privatezza.

Billi l-Cloud Computing daqt isir il-mod standard tal-informatika, żidna l-involviment tagħna mal-leġiżlaturi, l-industrija u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fl-2015, b'attenzjoni dwar kif għandu jiġi sfruttat il-potenzjal ta' din it-teknoloġija filwaqt li jinżamm il-kontroll tad-data personali. Ħeġġiġna lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE jistabbilixxu strateġija komuni għall-informatika, u appoġġajna l-ewwel Sejħa għall-Offerti interistituzzjonali għall-fornitura ta' servizzi bbażati fuq cloud — Cloud I.

Il-kwistjoni tal-Hacking Team żvelat il-kapaċitajiet tas-software fl-infiltrazzjoni tas-sistemi tal-IT u s-sorveljanza sigrieta. Fl-Opinjoni tagħna ta' Settembru dwar is-suġġett tħabna għalhekk aktar monitoraġġ u regolamentazzjoni tas-suq għall-ispyware, speċjalment bit-tkabbir tal-internet tal-oġġetti.

Sejrin inkomplu niżviluppaw l-għarfien espert tagħna fil-qasam tas-sigurtà tal-IT matul l-2016 u, permezz tal-attivitàajiet tagħna ta' spezzjoni u awditjar, niżguraw li jiġu applikati r-regoli rilevanti. Dawn jinkludu r-rwol tagħna bħala sieħeb għall-membri kollha tal-komunità tas-sigurtà fl-IT, b'attenzjoni partikolari fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Interazzjoni internazzjonali

Fl-2015 komplejna nippromwovu l-i-standards internazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-kooperazzjoni fl-infurzar fost l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data (DPAs).

Id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) f'Ottubru [ddikjarat](#) li d-deċiżjoni [Safe Harbour](#) UE-Stati Uniti hija invalida. Mas-ħab tagħna fil-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29), għamilna stedina l-ill-UE u l-ill-Istati Uniti biex jimplimentaw strument legali aktar sostenebbl li jirrispetta l-indipendenza tad-DPAs. Hidimna wkoll mal-Ufficijali tal-Protezzjoni tad-Data (DPOs) biex nagħmlu mappa tat-trasferimenti li qed isiru fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE taħt l-iskema ta' Safe Harbour.

Ir-riforma tal-protezzjoni tad-data hija wkoll fuq l-äġenda tal-Kunsill tal-Ewropa, u fl-2015 komplejna nikkontribwixxu għall-ħidma tal-kumitat responsabbli mill-modernizzazzjoni tal-Konvenzjoni 108. Konna involuti wkoll fil-Grupp ta' Ħidma tal-OECD dwar is-Sigurtà u l-Privatezza fl-Ekonomija Digidali, u ppreparajna proposti għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-protezzjoni tad-data, li għandu jiġi diskuss fil-konferenza ministerjali dwar l-ekonomija digidali f'Cancun f'Ġunju 2016.

Komplejna napprofondixxu l-involviment tagħna mal-APEC, il-GPEN, l-assoċjazzjoni Frankofona tal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data personali (AFAPDP), in-netwerk tal-protezzjoni tad-data Ibero-Amerikan, il-Grupp ta' Berlin u l-konferenza internazzjonali tal-protezzjoni tad-data u l-kummissarji tal-privatezza u sejrin inkomplu nespandu s-sħubijiet internazzjonali tagħna fl-2016.

Nikkomunikaw il-messaġġ tagħna

F'Mejju, nedejna logo ġdid għall-KEPD. Fl-aħħar tas-sena konna lestejna l-ewwel fażi tal-aġġornamenti għas-sit tal-KEPD. Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jimmarkaw era ġidha għall-KEPD u għall-protezzjoni tad-data.



EDPS' new logo - new era in the history of our organisation

Kien hemm żieda drammatika fl-involviment mal-pjattaformi tal-midja soċċiali tagħna, speċjalment fuq Twitter fejn kemm dawk li jsegwuna kif ukoll in-numru ta' tweets żiedu b'mod sinifikanti, iżda anke fuq LinkedIn u YouTube, li fuqhom żidna l-isforzi tagħna.

Minbarra tliet edizzjonijiet tal-bullettin tal-KEPD, ħriġna 13-il stqarrija għall-istampa u wegħibna 31 mistoqsja bil-miktub mill-midja, filwaqt li l-Assistent KEPD taw 39 intervista diretta lill-ġurnalisti Ewropej u internazzjonali. Il-viżibbiltà miżjudha tagħna qiegħriflessa fl-apparenza tal-KEPD f'iktar minn 400 artiklu, xandiriet tar-radju, vidjows jew midja oħra fl-2015.

L-attivitajiet ta' outreach tagħna wkoll espandew fl-2015. Ilqajna numru rekord ta' viżitaturi fl-istand tagħna fl-Open Day annwali tal-UE fid-9 ta' Mejju u organizzajna seba' żjarat ta' studju minn universitajiet u għaqdiet taż-żgħażaqgħi Ewropej. Minbarra l-laqqha miftuħha mas-soċjetà ċivili dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-data, kemm il-Kontrolluri kif ukoll il-persunal tal-KEPD huma ambaxxaturi dejjem aktar attivi tal-approċċ tal-UE għall-privatezza, kif kien evidenti mill-isponsorizzazzjoni tagħna tal-konferenza annwali dwar il-Komputers, il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-Data.

Amministrazzjoni Interna

Fost l-isfidi ta' mandat ġdid u xenarju tal-protezzjoni tad-data dejjem jinbidel, segwejna objettivi ambizzju b'tim żgħir ta' uffiċjali tal-UE dinamiċi, ta' talent u motivati ħafna.

Fl-2015, irċevejna rapport nadif mill-Qorti tal-Awdituri għar-raba' sena konsekuttiva u komplejna ntejbu r-rata ta' implementazzjoni tal-baġit tagħna. Stabbilixxejna politiki ġodda dwar it-tagħlim u l-iż-żvilupp, il-gwida għall-karriera u l-opportunitajiet indaqs u, flimkien mal-EPSO, organizzajna kompetizzjoni speċjalizzata għall-esperti tal-protezzjoni tad-data. Din irriżultat f'lista ta' riżerva ta' 21 kandidat eċċeżżjonali li sejrin ikopru l-ħtiġiġiet ta' reklutaġġ li ġejjin tal-KEPD u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tal-futur.

Fl-2015, il-KEPD ġie allokat baġit ta' EUR 8 760 417, żieda ta' 1.09 % meta mqabbel mal-baġit tal-2014. Tejjibna l-implementazzjoni tal-baġit tagħna għal madwar 94 % fl-2015, meta mqabbel mal-85 % fl-2011, filwaqt li kkonformajna wkoll mal-linji gwida tal-awsterit u l-konsolidazzjoni tal-baġit tal-Kummissjoni. Il tqajna darbtejn mat-tim tal-finanzi tal-Ombudsman Ewropew fl-2015 biex nidentifikaw ħtieġa komuni bħala bażi għal kollaborazzjoni aktar mill-qrib fl-2016.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2015–2019

Minbarra l-adozzjoni **tal-Istrateġija 2015–2019**, f'Marzu 2015 l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) ġew ivvalutati mill-ġdid biex iqisu l-objettivi u l-prioritajiet tal-Istrateġija l-ġidida. B'rīżultat ta' dan, ġie stabbilit sett ġdid ta' KPIs u dawn sejrin jgħinuna biex nimmonitorjaw u naġġustaw, jekk meħtieġ, l-impatt tax-xogħol tagħna u l-effiċċenza tal-użu tar-riżorsi tagħna.

Din it-tabella turi l-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħna fl-2015 skont l-objettivi strateġiċi u l-pjan ta' azzjoni ddefiniti fl-Istrateġija 2015–2019.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPIs tinkludi fiha deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI, ir-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2015 u l-objettiv stipulat.

F'ħafna mill-każijiet, l-indikaturi huma mkejla kontra objettivi inizjali. Għat-tliet indikaturi, ir-riżultati tal-2015 sejrin jintużaw bħala punt ta' riferiment. Żewġ KPIs sejrin jiġu kkalkulati b'bidiu fl-2016. Ir-riżultati juru li fil-parti l-kbira tagħha, l-implementazzjoni tal-Istrateġija miexja kif skedat u f'dan l-istadju ma hija meħtieġa l-ebda miżura korrettiva.

Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni wieħed (KPI 7) ma laħaqx l-objettiv inizjali. Dan kien primarjament minħabba l-bidliet fl-ippjanar fil-Kummissjoni Ewropea, li rriżultaw fil-posponiment tal-inizjatti sal-2016. Barra minn hekk, f'okkażjoni waħda l-KEPD ma ġiex ikkonsultat mill-Kummissjoni.

INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		RIŻULTATI SAL-31.12.2015	GħAN 2015
Objettiv nru 1 — Il-Protezzjoni tad-Data taqleb digħiġi			
KPI 1	Numru ta' inizjattivi li jippromwovu teknoloġiji biex itejbu l-privatezza u l-protezzjoni tad-data organizzati jew koorganizzati mill-EDPS.	9	I-2015 bħala punt ta' riferiment
KPI 2	Numru ta' attivitajiet iffokati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interna & esterna)	9	8
Objettiv nru 2 — Noħolqu sħubji globali			
KPI 3	Numru ta' inizjattivi meħnuda dwar il-ftehimiet internazzjonali	3	I-2015 bħala punt ta' riferiment
KPI 4	Numru ta' każijiet indirizzati f'livell internazzjonali (WP29, CoE, OECD, GPEN, Konferenzi Internazzjonali) li għalihom il-KEPD ipprovda kontribut sostanzjali bil-miktub	13	13
Objettiv nru 3 — Il-Ftuħ ta' Kapitlu ġdid għall-Protezzjoni tad-Data tal-UE			
KPI 5	Analiżi tal-impatt tal-input tal-KEPD lill-GDPR		Għad irid jiġi kkalkulat bil-bidu jkun I-2016
KPI 6	Livell ta' sodisfazzjon tad-DPO/DPC/kontrolluri dwar il-kooperazzjoni mal-KEPD u l-gwida, inkluża s-sodisfazzjon tas-suġġetti tad-data rigward it-taħriġ	79.5 %	60 %
KPI 7	Rata ta' implimentazzjoni ta' każijiet fil-lista ta' priorità tal-KEPD (regolarmen aġġornata) fil-forma ta' kummenti informali u opinjonijiet formali	83 %	90 %
Instigaturi — Komunikazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi			
KPI 8	Numru ta' żjarat fuq is-sit web tal-KEPD	195 715	I-2015 bħala punt ta' riferiment
(indikatur tat-taħlit)	Numru ta' segwaċi fuq il-kont ta' Twitter tal-KEPD	3631	I-2015 bħala punt ta' riferiment
KPI 9	Il-livell ta' sodisfazzjon tal-Persunal		Għad irid jiġi kkalkulat bil-bidu jkun I-2016

Objettivi ewlenin għall-2016

Dawn li ġejjin huma l-għanijiet li ntgħażlu għall-2016 fi ħdan l-**Istrateġja ġenerali għall-2015–2019**. Ir-riżultati sejrin jiġu rrapportati fl-2017.

Il-protezzjoni tad-data ssir digħi

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data sejjjer joħloq obbligu għall-kontrolluri li jimplimentaw prinċipji u salvagwardji għall-protezzjoni tad-data fl-iżvilupp u l-operazzjoni tas-sistemi tal-ipproċessar tad-data. B'dan l-obbligu legali, l-importanza tal-**protezzjoni tad-data bintenzjoni jew b'mod awtomatiku** sejra tiżdied. Il-provvediment ta' gwida dwar l-implimentazzjoni teknika tal-protezzjoni tad-data ser issir kompitu dejjem aktar importanti għall-awtoritajiet superviżorji kollha, inklużi l-KEPD.

Żieda fit-trasparenza, fil-kontroll tal-utenti u fil-kontabbiltà fl-ipproċessar tal-big data

Hemm il-ħtieġa li l-UE tiżviluppa mudell għall-politiki li jiġġestixxu l-informazzjoni għas-servizzi online pprovduti mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Bi-użu ta' lingwa ċara u sempliċi, dawn il-politiki għandhom jiispiegaw kif il-proċessi kummerċjali jistgħu jaffetwaw id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Iċ-ċittadini għandhom jiġu mgħarrfa wkoll jekk hemmx ir-riskju li jiġu identifikati mill-ġdid mid-data anonima, psewdonima jew aggregata. Għal dan l-ġhan, il-KEPD sejjjer jaħdem b'attenzjoni speċjali għad-data vaults u l-imħażen tad-data personali.

L-integrazzjoni tal-protezzjoni tad-data f'politiki internazzjonali

Parti mill-missjoni tal-KEPD huwa li tiprovd konsulenza lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE dwar aspetti tal-globalizzazzjoni fejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-data qed isiru dejjem aktar importanti. F'kooperazzjoni **mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data** (DPAs) sejrin nipprovdu konsulenza dwar kif il-prinċipji stabbiliti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data jistgħu jiġi applikati b'mod koerenti u konsistenti kull darba li r-rappreżentanti tal-UE jkunu qed jinnejozjaw ftehimiet kummerċjali, jew ftehimiet internazzjonali marbuta mal-infurzar tal-liġi, b'attenzjoni fuq l-enfasi tal-effetti pożittivi tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data tal-UE fl-iffaċilitar tal-kummerċ globali u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.

Għalhekk, għandna l-pjan li nsegwu mill-qrib il-ftehimiet bħas-Sħubija TransAtlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TISA). Qed nippjanaw ukoll li noħorġu l-Opinjoni tagħna dwar it-trasferimenti internazzjonali fid-dawl tal-invalidazzjoni tar-regoli tal-Isfera ta' Sikurezza mill-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tiġi kkoordinata mal-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 (WP29) li aħna membri tiegħu, u nipprovdu valutazzjoni tal-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi.

Nitkellmu b'lingwa unika tal-UE fil-qasam internazzjonali

Il-KEPD huwa determinat li jikkontribwixxi għall-emerġenza ta' alleanza globali mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza fid-dinja kollha. F'kollaborazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, l-ġhan tagħna huwa li nidentifikaw rispons tekniku u regolatorju għall-isfidi ewlenin għall-protezzjoni tad-data bħal big data, l-internet tal-objetti u s-sorveljanza tal-massa.

Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001

Issa li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) ġie ffinalizzat, **ir-Regolament (KE) Nru 45/2001** għandu jiġi adattat biex jiġi żgurat li l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jibqgħu konformi ma' dawk applikabbli għall-Istati Membri. Il-KEPD għandu l-pjan li joħroġ parir informali u Opinjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament. Se jgħin ukoll lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jadattaw għar-regoli l-ġoddha, billi jkomplu jħarrġu lill-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Data (DPOs) u l-kontrolluri dwar ir-rekiwi l-ġoddha.

Proġett ta' kontabbiltà

Il-KEPD laqa' u appoġġja l-kunċett ta' kontabbiltà, li huwa ċentrali għar-riforma tal-protezzjoni tad-data. Sejrin inkomplu nitolbu lill-amministrazzjonijiet tal-UE biex ikunu proattivi fl-iżgurar tal-konformità u sabiex jiddokumentaw b'mod xieraq il-miżuri meħħuda sabiex tintwera l-konformità jekk ikun meħtieġ. Fl-isforzi tagħna biex immexxu bl-eżempju, sejrin nikkooperaw internament mad-DPO tal-KEPD biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' responsabbiltà jiġi implementat b'mod

effettiv fl-istituzzjoni tagħna stess. DPOs u DPCs (Koordinaturi/Kuntatti għall-Protezzjoni tad-Data) huma integrali sabiex jinkiseb dan u għalhekk sejrin inkomplu niżviluppaw aktar taħriġ u gwida għalihom, inħeġġu kuntatti mill-qrib ma' u fi ħdan in-netwerk tad-DPO u ngħarrfuhom bil-mod kif il-KEPD implimenta l-prinċipju ta' kontabbiltà.

Nippreparaw għall-Europol

Kmieni fl-2017 sejjer jidħol fis-seħħi qafas ġdid għall-protezzjoni tad-data għall-Europol. Dan sejjer jeħtieġ li I-KEPD jiżviluppa attivitajiet ta' superviżjoni, f'kooperazzjoni, sa' ċertu punt, mal-awtoritajiet nazzjonali. Attwalment il-KEPD qed jipprepara għal dan ir-rwl il-ġdid fil-livell organizzattiv u tar-riżorsi umani u se jkompli jagħmel dan matul I-2016. Sejrin jiġu organizzati attivitajiet speċifiċi ta' taħriġ u kooperazzjoni sabiex jgħinu fid-determinazzjoni ta' kif I-aħjar jitmexxew l-attivitajiet ta' sorveljanza u koordinazzjoni meħtieġa mir-regolament.

Sejrin inkomplu wkoll nipparteċipaw b'mod attiv fin-netwerks internazzjonali u reġjonali tal-protezzjoni tad-data, fil-Kunsill tal-Ewropa u I-KEPD kif ukoll fil-konferenza annwali dwar Komputers, Privatezza u Protezzjoni tad-Data (CPDP). Il-gruppi ta' ħidma mal-organizzazzjonijiet internazzjonali sejrin jinżammu fuq bażi *ad-hoc*, kull meta I-organizzazzjonijiet internazzjonali jkunu interessati fil-kondiżjoni tal-għarfien mal-KEPD u f'li jiżviluppaw flimkien I-aħjar prattiki.

Preparazzjoni għall-EDPB

Billi I-KEPD sejjer jiprovdji s-Segretarjat għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), il-KEPD jeħtieġ jiżgura li dan il-korp ikun lest sa mill-ewwel jum. Din il-ħidma preparatorja sejra ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, permezz tat-taskforce tal-WP29 u tal-WP29-EDPB u skont il-pjan adottat mill-WP29. B'dan il-mod niżguraw li jkun hemm fis-seħħi l-arranġamenti tranżitorji nazzjonali xierqa għal trasferiment bla xkiel mill-WP29. Dan ix-xogħol jinkludi, b'mod partikolari, I-iżgurar ta' infrastruttura xierqa tal-IT, I-istabbiliment ta' metodi ta' ħidma u regoli ta' proċedura u I-iżgurar ta' riżorsi umani u finanzjarji xierqa. Dan sejjer jintlaħaq permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn I-unità tal-politika, I-unità tar-Riżorsi Umani, Bağıt u Amministrazzjoni (HRBA) u s-settur għall-Politika tal-IT.

Sorveljanza kkoordinata

Hemm il-ħtieġ li tiġi żgurata sorveljanza aktar effettiva u kkoordinata tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Għandna ninkoraġġixxu lil-leġiżlaturi sabiex jarmonizzaw il-pjattaformi eżistenti, li huma pjuttost diversi. Bħala Segretarjat għall-Gruppi ta' Sorveljanza Kkoordinata għal bosta sistemi tal-IT fuq skala kbira, sejrin inkomplu norganizzaw u nappoġġjaw gruppi ta' appoġġ u laqgħat tas-sottogruppi dwar dawn is-sistemi matul I-2016. Għandna I-pjan ukoll li nniedu sit web ġdid għall-Gruppi li sejjer jgħin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħna.

Konsulenzo u Sorveljanza ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira

B'rispons għall-isfidi attwali f'oqsma bħas-sigurtà pubblika u l-kontroll tal-fruntieri, il-leġiżlaturi saħqu fuq il-ħolqien ta' sistemi ġoddha tal-IT jew it-titjib u l-estensjoni funzjonali tas-sistemi eżistenti. Sejrin nipprovdu lil dawk li jfasslu I-politika u lil-leġiżlaturi b'konsulenza dwar l-elementi teknoloġiċi ta' dawn is-sistemi u sejrin niżviluppaw l-attivitajiet ta' monitoraġġ u superviżjoni biex niżguraw li I-operazzjonijiet li jwettqu dawn is-sistemi jibqgħu konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-promozzjoni ta' diskussjoni matura dwar is-sigurtà u l-privatezza

Sabiex termini bħas-sigurtà *nazzjonali, is-sigurtà pubblika u l-kriminalità serja* jkunu ta' sinifikat, u għalhekk biex jiġi żgurat li I-prinċipji ta' protezzjoni tad-data jiġu rispettati, I-UE teħtieġ diskussjoni informata dwar id-definizzjoni u l-ambitu tagħhom. Għandna l-intenzjoni li nrawmu din id-diskussjoni fl-2016, inkluża attenzjoni speċjali fuq Smart Borders.

Sigurtà tal-IT

L-importanza tas-sigurtà tal-IT tkompli tiżdied. Sejrin inkomplu niżviluppaw l-ħarfien espert tagħna f'dan il-qasam matul I-2016 u, permezz tal-attivitajiet tagħna ta' spezzjoni u awdiżjar, niżguraw li jiġu applikati r-regoli rilevanti. Sejrin inkomplu naġixxu bħala sieħeb għall-membri kollha tal-komunità tas-sigurtà fl-IT, b'attenzjoni partikolari fuq I-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.

Gwida dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-data

Barra minn hekk fl-2015, [il-Linji Gwida dwar l-użu tal-apparat mobbli](#), Linji Gwida ulterjuri dwar is-servizzi tal-web, apps mobbli u cloud computing se jiġu konklużi fl-2016. Dawn sejrin jiġu kkumplimentati minn gwida dwar oqsma spēċifiċi bħall-kontabbiltà fil-ġestjoni tal-IT u l-ġestjoni tar-riskju.

Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN)

Dan in-netwerk ta' esperti tat-teknoloġija u l-privatezza mid-DPAs, l-industrija, l-akkademja u s-soċjetà ċivili ser ikun meħtieġ li jkollu rwol importanti fit-trasformazzjoni ta' obbligi ġodda tal-protezzjoni tad-data f'rekwiziċi tal-inġinerija, u jappoġġja l-protezzjoni tad-data permezz tat-tfassil. Aħna sejrin nappoġġjaw in-netwerk hekk kif jintensifikasi l-isforzi tiegħu biex jiprodu riżultati tanġibbli.

L-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji

Fl-2016 għandna l-intenzjoni ninkoragiġixxu djalogu Ewropew dwar il-big data, l-internet tal-oġġetti u d-drittijiet fundamentali fis-settur pubbliku u privat. Biex dan jintlaħaq, irridu naħdmu mal-istituzzjonijiet tal-UE, ir-regolaturi, l-akkademiċi, l-industrija, il-komunità tal-IT, l-organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur u oħrajin hekk kif norganizzaw grupp ta' ħidma kbir dwar il-big data u nipparraw u nippubblikaw karta dwar il-protezzjoni tad-data u s-Suq Dijitali Uniku.

Il-monitoraġġ tat-teknoloġija

L-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ teknoloġiku sejrin isiru aktar viżibbli u aċċessibbli għal partijiet ikkonċernati oħrajn u b'hekk sejrin isiru aktar influwenti. Ir-rapport tagħha se jkun disponibbli għall-pubbliku flimkien mad-DPAs u l-gruppi ta' esperti orjentati għat-teknoloġija fil-livell tal-UE.

Niffaċilitaw it-tfassil tal-politika responsabbi u infurmata

Il-KEPD għandu l-pjan li jiżviluppa manwal komprensiv li sejjer jippermetti lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE jieħdu deċiżjonijiet informati dwar il-protezzjoni tad-data. Sejrin nipparraw ukoll gwida bil-miktub, gruppi ta' ħidma u avvenimenti ta' taħriġ bl-appoġġ ta' netwerk estern. Barra minn hekk, kull sena, il-KEPD sejjer jidtentika l-kwistjonijiet ta' politika tal-UE bl-iktar impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Imbagħad, sejrin nipprovvu analiżi legali xierqa u gwida dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-KEPD sejjer ikompli jaħdem bis-sħiħ biex jistabbilixxi metodi ta' ħidma effiċjenti mal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni u sejjer ifittek b'mod attiv il-feedback dwar il-valur tal-parir tagħha. Aħna impenjati wkoll li niżviluppaw id-djalogu tagħna mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali u li nassistu lill-Qorti fil-każiċċi kollha rilevanti, kemm bħala parti kif ukoll bħala espert.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

www.edps.europa.eu

 @EU_EDPS

 EDPS

 European Data Protection Supervisor



KONTROLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA